

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11104 — HUTCHISON PORTS SOKHNA / GOLDEN CHANCE INVESTMENT ENTERPRISE / CMA TERMINALS / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 220/09)

1. Fil-15 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (').

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Hutchison Port Sokhna Limited (“HPSL, ir-Renju Unit), ikkontrollata minn CK Hutchison Holdings Limited (“CKHH”, il-Gżejjjer Cayman),
- Golden Chance Investment Enterprise Limited (“Golden Chance”, Hong Kong), ikkontrollata minn China COSCO Shipping Corporation Limited (“COSCO”, Hong Kong),
- CMA Terminals SAS (“CMAT”, Franzia), ikkontrollata minn CMA CGM S.A. (“CMA CGM”, Franzia),
- Kumpanija ġdida (“Target JV”, ir-Renju Unit).

HPSL, Golden Chance u CMAT se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab indirett tat-Target JV.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriżza bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- HPSL hija diviżjoni operattiva ta' CKHH, żviluppatur globali ewljeni u operatur ta' terminals tal-containers u fornitur ta' servizzi loġistiċi assoċjati. CKHH għandu erba' negozji ċentrali: portijiet u servizzi relatati, il-bejgħ lil konsumaturi, l-infrastruttura u t-telekomunikazzjonijiet,
- Golden Chance hija sussidjarja ta' COSCO, attiva bħala operatur tal-portijiet. L-attivitajiet ta' COSCO jinkludu t-tbaħħir tal-merkanzija, il-logistica, il-bini u t-tiswija tal-bastimenti, is-servizzi tal-ġestjoni tal-bastimenti, l-ingheriġja tal-ħażra, l-operazzjonijiet tat-terminal, u s-servizzi finanzjarji u tal-IT relatati,
- CMAT hija sussidjarja ta' CMA CGM, li toffri firxa ta' servizzi relatati mat-trasport bil-ħażra, inklużi t-tbaħħir bil-containers u s-servizzi tat-terminal tal-port. CMA CGM hija attiva wkoll fis-servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija u ta' logistica kuntrattwali permezz tas-sussidjarja proprjetà kollha kemm hi tagħha, CEVA Logistics, u tipprovdi, permezz tas-sussidjarja kollha kemm hi tagħha, CMA CGM Inland Services (CCIS), firxa limitata ta' servizzi anċillari ta' ġestjoni tal-katina tal-provvista. Finalment, CMA CGM nediet ukoll dan l-aħħar CMA CGM Air Cargo u bdiet tipprovdi servizzi ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru,

3. It-Target JV se tibni, tiżviluppa u tħaddem terminal tal-containers fil-port ta' Ain Sokhna fl-Eġġitu.

(') ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spċificata:

M.11104 — HUTCHISON PORTS SOKHNA / GOLDEN CHANCE INVESTMENT ENTERPRISE / CMA TERMINALS / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.